**5 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Perit Arkitett Edwin Delia *et*

*versus*

Assistent Segretarju Prinċipali tal-Ministeru tat-Turiżmu

**Nullità taċ-Ċitazzjoni - Persuna Assenti**

*Hija prassi kostanti li meta attur ikun jinsab assenti minn dawn il-Gżejjer huwa jawtorizza lil xi ħaddieħor li jkun f'Malta biex jagħmel il-kawża għan-nom tiegħu. Din il-prassi għandha l-aspetti prattiċi u ekwi tagħha, b'mod speċjali sabiex ikun hawn xi ħadd f'dawn il-Gżejjer biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż sopportabbli*

*mill-attur u sabiex il-konvenut ikun jista' jikkomunika l-eċċezzjonijiet tiegħu lill-persuna li tagixxi kontrih.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi talbu illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' Lm980.72 (bl-interessi min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Marzu, 1979), import ta' żewġ skadenzi kera semestrali fl-1975 u tnejn fl-1976, fuq il-fondi 9/2 u 9/3, Triq il-Merkanti, il-Belt, li l-istanti kienu jikru lill-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal li huwa m'għandux jagħti lill-atturi l-ammont mitlub, perress li fil-perijodu rilevanti l-lokazzjoni kienet spiċċat, billi in ottemperanza ma' Ordni ta' Rekwiżizzjoni numru 15041 iċ-ċwievet kienu ġew ikkonsenjati lis-Segretarju tad-Djar u l-fond rilaxxat favur l-istess;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, fejn qal illi ċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla fil-konfront ta' l-attur Perit Akitett Edwin Delia, stante li dan ma kienx Malta meta ġiet ippreżentata l-istess ċitazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut;

Illi l-istess attur, l-.A.I.C. Edwin Delia, xehed quddiem l-Imħallef Supplenti fl-14 ta' April, 1980, hekk: "Jien ili msiefer xi sena u ġejt fis-Sajf tas-sena l-oħra u fil-Milied. Wasalt Malta fit-30ta' Lulju, 1979 u erġajt tlaqt fit-13 ta' Awissu, 1979. Imbagħad erġajt wasalt fit-22 ta' Diċembru, 1979, u tlaqt lura

fit-30 ta' Diċembru, 1979". Mela kif tajjeb osserva l-konvenut fid-dikjarazzjoni tiegħu l-imsemmi attur ma kienx hawn Malta fis-27 ta' Settembru, 1979, data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna;

Illi jidher ċar li l-eċċezzjoni mhix dik ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur, ikkontemplata fl-artikolu 781 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, għaliex mhuwiex allegat li l-attur huwa nkapaċi li jaġixxi ġudizjarjament jew li m'għandux *locus standi judicio*. Imma l-eċċezzjoni hija dik tan-nullità taċ-ċitazzjoni kwantu l-mod kif promossa *mill-attur in kwistjoni u dana fil-*konfront tiegħu. Infatti, hija l-prassi kostanti li meta attur ikun jinsab assenti minn dawn il-Gżejjer huwa jawtorizza lil xi ħadd ieħor li jkun preżenti f'dawn il-Gżejjer biex jagħmel il-kawża għan-nom tiegħu; jew fi kliem ieħor l-attur assenti jkun rappreżentat fil-kawża minn persuna li tkun attwalment tinsab *f'dawn il-Gżejjer. Din il-prassi ....... jitħadded mill-persuni li* jistgħu jippreżentaw l-iskritturi l-Qorti (u ċ-ċitazzjoni hija skrittura) u jgħid li fost l-oħrajn hawn jistgħu jiġu preżentati "mill-parti stess li tidher ... bħala prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex li fiha l-iskrittura tiġi ppreżentata". Inoltre, din il-prassi għandha l-aspetti prattiċi u ekwi tagħha, b'mod speċjali sabiex ikun hawn xi ħadd f'dawn il-Gżejjer biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż sopportabbli mill-attur (jekk ikun il-każ) u sabiex il-konvenut ikun jista' jikkomunika l-eċċezzjonijiet tiegħu lill-persuna li taġixxi kontrih;

Għalhekk din l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut hija sostenibbli, u ċ-ċitazzjoni hija nulla kwantu istitwita mill-attur, l-A.I.C. Edwin Delia;

Għaldaqstant:

Tiddeċidi:

Billi tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront ta' l-attur imsemmi, l-A.I.C. Edwin Delia, bl-ispejjeż relattivi kontra dan ta' l-aħħar; u

Tordna li l-kawża titkompla fil-meritu kwantu jikkonċerna lill-atturi l-oħrajn, u tiddiferixxi l-kawża għal dan l-iskop għas-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar, 1985.